MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 80/2011

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Anthony Borg - ID-469377(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' sitt mija erbgha u sebghin Ewro u tletin centezmu (€674.30c) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC 40100041*). Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.
Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok. A, B u C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija erbgha u sebghin Ewro u tletin centezmu (€674.30c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------